

SENTENZA TAL-QORTI**tal-25 ta' Frar 2021****fil-Kawża E-5/20****SMA SA u Société Mutuelle d'Assurance du Bâtiment et des Travaux Publics vs Finanzmarktaufsicht Liechtenstein***(Responsabbiltà tal-Istat - id-Direttiva 2009/138/KE - Obbligi superviżorji - Talbiet tal-assigurazzjoni - detenturi ta' polza u benefiċjarji)**(2021/C 245/16)*

Fil-Kawża E-5/20, SMA SA u Société Mutuelle d'Assurance du Bâtiment et des Travaux Publics vs Finanzmarktaufsicht Liechtenstein - TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti Suprema tal-Ġustizzja, il-Qorti Suprema tal-Prinċipat tal-Liechtenstein (*Fürstlicher Oberster Gerichtshof*) dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-25 ta' Novembru 2009 dwar dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assikurazzjoni u tar-riassikurazzjoni (Solvibbiltà II), b'mod partikolari l-Artikoli 27 u 28 u l-predeċessuri tagħha, id-Direttiva 73/239/KEE, id-Direttiva 88/357/KEE u d-Direttiva 92/49/KEE, il-Qorti, komposta minn Páll Hreinsson, President, Per Christiansen (Imħallef-Relatur), u Bernd Hammermann, Imħallfin, taw is-sentenza fil-25 ta' Frar 2021, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

L-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2009/138/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assikurazzjoni u tar-riassikurazzjoni (Solvibbiltà II), id-Direttiva 73/239/KEE, id-Direttiva 88/357/KEE u d-Direttiva 92/49/KEE ma jagħtu l-ebda dritt espress lill-operaturi ekonomiċi li jiddikjaraw li huma kredituri ta' imprija tal-assikurazzjoni fċirkostanzi bħal dawk tal-proċedimenti prinċipali u ma jistgħux jagħtu lok għal xi pretensjoni ta' responsabbiltà kontra awtorità superviżorja skont il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat.